**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 14 ta' Lulju 2021**

Rikors Numru: 131/21 AL

AB

vs

CD

(MR Nurmu 164/1997)

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tiegħu ppremettiet:

1. Illi l-partijiet żżewġu f' Malta fil-ħamsa (5) t' April tas-sena elf disa' mija u sebgħa u disgħin (1997) (ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat Dok A).

2. Illi minn dan iż-żwieġ twieldu żewġt itfal, xxx li twieled fit-13 ta' Marzu tas-sena elf disa' mija u tmienja u disgħin (1998) u xxxx li twieldet fit-tmintax (18) ta' Settembru tas-sena elfejn (2000), illum it-tnejn maġġorenni;

3. Illi l-partijiet sseparaw permezz ta’ kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Patricia Vella Haber tat-tletin (30) ta’ Novembru tas-sena elfejn u ħmistax (2015) (kopja tal-istess hawn annessa u mmarkata Dok B);

4. Illi m’hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejniethom stante illi l-partijiet komplew b’ ħajjithom separatament minn xulxin;

5. Illi ma jitħallas ebda manteniment lil parti jew oħra u dan kif miftiehem fil-kuntratt ta’ separazzjoni, u l-ebda manteniment ma hu dovut għal ulied il-partijiet illum maġġorenni;

6. Illi għalhekk l-partijiet issodisfaw ir-rekwiżiti kollha stabbiliti mil-liġi biex jingħata d-divorzju.

Talbet lill-intimat jgħid għaliex din il-Qorti m’għandhiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fiż-żmien imħolli għal daqshekk minn dina l-Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jiġi debitament reġistrat fir-Reġistru Pubbliku u dan taħt kull provediment ieħor li din il-Qorti jidhrilha xieraq u opportun.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavits taż-żewġ rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha tat-8 t’April, 2021;

Semgħet lill-intimat preżenti fl-awla jwieġeb fuq domanda tal-Qorti li m'għandu l-ebda oġġezzjoni li jintlaqgħu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprovat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-30 ta' Novembru, 2015;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.

Dr Abigail Lofaro

Imħallef

Rita Vella Baldacchino

Deputat Reġistratur